MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**LINO FARRUGIA SACCO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 619/1997/1

**Gladys mart l-Imhallef Dottor Edoardo Magri, l-Imhallef Dottor Edaordo Magri, Yvonne armla ta' Anthony de Domenico, Joseph Muscat u Jane mart David Pullicino, u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 1998 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem l-Imhallef Alberto Giuseppe, Sandro u Renato lkoll ahwa Magri u Mariella Borg Magri minflok l-attrici Gladys Magri li mietet fil-mori tal-kawza**
**vs**
**Market Intelligence Services Company Limited u b-digriet ta' l-10 ta' Mejju, 1999 is-socjeta` Westminster Securities Ltd intervjeniet fil-kawza in statu et terminis**

***1. Fatti tal-kaz:***

Din id-decizjoni tirrigwarda l-fatt li l-azzjoni bejn l-attur u l-konvenut giet determinata finalment, u jekk ghalhekk l-appell ta’ l-intervenut fil-kawza jistax jibqa’ jinstema’.

Rat ghalhekk li fis-7 ta’ Ottubru 2008 Dr. John Refalo ghall-atturi apppellati eccepixxa li l-appell intavolat mill-intervenut fil-kawza ma jistax jinstema’ billi l-azzjoni bejn l-attur u l-konvenut giet determinata finalment.

Rat li Dr. Jose` Herrera ghall-intervenuta fil-kawza irrileva li huwa palezi fil-gurisprudenza li t-terz interessat dejjem ghandu dritt jinterponi appell u li fil-kaz in dizamina ma jista’ qatt jinghad li l-appellant intervenut m’ghandux interess guridiku stante li ghal ta’ l-inqas, u in pessima ipotezi, gie ikkundannat l-ispejjez kollha tal-kaz mill-Prim’Istanza.

Rat li fil-25 ta’ Frar 2005 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet billi (fol 236):
“prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ta’ l-intervenuti fil-kawza;
tilqa’ t-talba attrici
u stante li s-socjeta’ konvenuta giet imexxija hazin mill-intervenuti fil-kawza;
l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-intervenuti fil-kawza.
Bl-imghax kif mitluba.”

Rat li fis-17 ta’ Marzu 2005 gie intavolat appell (fol App 2) mill-intervenuta fil-kawza Westminster Securities Ltd fejn talbet li l-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza citata tal-25 ta’ Frar 2005 u li wara li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi (fol App 8).

Rat li fis-17 ta’ Marzu 2005 is-socjeta` konvenuta Market Intelligence Services Company Limited appellat (fol App 10) u talbet li l-Qorti ta’ l-Appell joghgobha thassar is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla fil-25 ta’ Frar 2005 izda limitatament u fil-konfront biss tal-kap ta’ l-imghax u tipprovdi minflok billi tiddikjara li s-socjeta` appellanta mhux responsabbli ghall-hlas ta’ l-istess imghax u

tikkundanna lis-socjeta` Westminster Securities Ltd bhala intervenuta fil-kawza ghall-hlas ta’ l-imghax.

Rat li fl-14 ta’ Mejju 2007 permezz ta’ nota (fol App 24) is-socjeta` Market Intelligence Services Company Ltd cediet l-appell taghha stante tranzazzjoni mal-atturi.

***<u>2. In-natura ta’ l-intervenut fil-kawza:</u>***

Fis-sentenza ta’ l-10 ta’ Novembru 1888 tal-Corte Civile Di Sua Maesta, Prim’Aula (*Giudice di Sua Maesta*` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet **Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri**, intqal:

“*Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere la domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l’effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto;*

*“Che dagli articoli 977, 978 e 979 delle Leggi di Procedura combinati insieme, si desume che l’ammesso nello stato e nei termini di una causa, il quale spontaneamente si presenta a prenderne parte, senza potere sospendere le procedure, non ha il diritto di reclamare, ne e` tenuto a soffrire alcuna parte delle spese del giudizio, sia che egli abbia sostenuto chi dei contendenti, attori o convenuti, ha vinto, sia che abbia sostenuto quello che ha perduto. Perocchè in quelle disposizioni, dopocchè vi fu stabilito che l’interessato in una lite, dietro suo ricorso, potesse essere ammesso nello stato e nei termini, senza indicarne alcun altro diritto nè alcun obbligo, si e` passato a parlare del chiamato in causa, ritenendolo come convenuto, e come se la causa fosse stata sin dal principio proposta contro di lui, con potere fare scritture, dare qualunque eccezione, ed avere qualunque vantaggio che la legge accorda ad un convenuto, e, per conseguenza, con poter essere, secondo le circostanze, liberato o condannato. Or se all’ammesso nello stato e nei termini si fosser voluti dare quei vantaggi od imporre quegli oblighi, in tutto od in*

*parte, quelle disposizioni di legge sarebbero concepite in modo da risultarne quel concetto*."

Ukoll, fil-kawza deciza mill-*Aula Civile* fit-8 ta' Mejju 1905 fl-ismijiet **Nob. Ignazio Testaferrata Bonici *versus* Nob: Filippo Testaferrata Bonnici noe et**, intqal:
"Considerando che gli eccipienti fondano la loro eccezione sull'articolo 979 delle Leggi di Procedura ove e` disposto che, "il "terzo chiamato in causa potra` valersi del dritto di fare qualunque "scrittura, dare qualunque eccezione ed avere qualunque vantaggio "che la legge accorda ad un convenuto, e potrà, secondo le "circostanze essere condannato o liberato come se fosse stato sin "da principio contro di lui proposta la causa"**;** mentre tale disposizione non occorre nell' articolo precedente 977, ove si contempla il caso dell' ammesso in causa;

Che, pero`, il suddetto articolo 977 si limita a dire che l' interventore riprende la causa "nello stato e nei termini in cui la stessa "si trovi", e che la sua ammissione "non sospende la procedura della causa". Il che` non significa che` in tutti gli atti che restano a compiere per l' istruzione della causa dopo la sua ammissione egli non possa valersi di tutti i mezzi che la legge gli accorda per far valere le proprie ragioni. Senza di cio` l'intervento fallirebbe ai principali suoi scopi; di tutelare, cioe`, gli interessi dell'interventore di fronte ad una o ad amendue le parti contendenti e di non moltiplicare le liti.

Che se per l'articolo 262 di quelle leggi chiunque creda di avere interesse puo` interporre appello da una sentenza allo scopo di dimostrarne la ingiustizia coi mezzi tutti che` la legge accorda a qualunque appellante, a piu` forte ragione si deve ritenere che colui il quale, dimostrato il suo interesse, viene ammesso in una causa fra altri pendente, puo` valersi di tali mezzi per far valere le proprie ragioni;"

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Joseph Flores fit-28 ta' Qttubru 1960 fl-ismijiet **Ivo Borg vs Carmelo Muscat** intqal:

‘l-frazi “*a party to the suit*” ma kienetx tirrikorri fit-test originali tal-ligi bit-Taljan li kien jinqara “*Chiunque dimostri ... di avere interesse in una causa gia` tra altri pendente puo` essere ammesso allo stato e nei termini in cui essa si trova...*”

Skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, l-intervenjent *“in statu et terminis”* mhuwiex proprjament parti fil-kawza fis-sinifikat specifiku li l-espressjoni “parti” tircievi fil-konfronti tad-dispozizzjonijiet tal-Procedura Civili (art.959, 960. 961) li jirregolaw l-istitut ta’ l-intervent f’kawza..”

L-Onorevoli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine** (1971) qalet:
“l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b’ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza.”

L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Kummercjali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Joseph Galea vs Alfred Cardona**, deciza fit-28 ta’ Lulju 1987, irriteniet illi:-
"l-intervenut fil-kawza, jekk it-talba tieghu tigi milqugha mill-Qorti, jigi mdahhal fil-kawza proprju fl-istadju u fit-termini li l-istess kawza kienet waslet. B’ebda mod pero`, dan l-intervenut fil-kawza ma jista’ jwaqqaf il-procedura taghha”;

Ghalhekk min jintervjeni fil-kawza "*in statu et terminis*" mhux parti fil-kawza u ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat; imma jista’ jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Superjuri) tas-7 ta’ Novembru 1988 fl-ismijiet **Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff** jinghad:
‘l-intervenut fil-kawza *in statu et terminis*... mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bhala attur u anqas bhala konvenut fis-sens li la jista’ ‘jigi kkundannat u

anqas illiberat u dan a differenza tal-kjamat fil-kawza… sentenza ma tista' qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa fl-ebda kaz ma tista' sentenza tigi esegwita kontra tieghu.'

Il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Joseph Buhagiar pro et noe vs Carmel *sive* Charles Psaila** qalet:
'illi intervenut fil-kawza *in statu et terminis* ..., kif dejjem gie ukoll ritenut fis-sistema procedurali Malti, mhux meqius proprjament bhala parti fil-kawza... Una volta l-intervenut hu kkonsidrat li mhux parti fil-kawza, hu ma jistax bhala regola jigi liberat jew ikkundannat. Minn dan johrog li l-Qorti allura m'ghandha l-ebda obbligu tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet minnu moghtija. Dan fis-sens li mhijiex tenuta li tiddecidihom fir-rigward tieghu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghall-gudizzju, tkun qieset - kif ghandha dritt - u anke sostniet id-deduzzjonijiet tieghu. Hi pacifika d-distinzjoni fir-rwol ta' l-intervenut fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikolu 960-962). Distinzjoni Ii ssib il-qofol taghha fil-fatt Ii l-kjamat fil-kawza a differenza ta' l-intervenut hu kkunsidrat <u>bhala konvenut</u> u jista' 'jigi lliberat jew ikkundannat. Il-Qorti ghandha allura fil-kaz tal-kjamat fil-kawza l-obbligu li tiddeciedi u tikkonsidra l-eccezzjoni minnu moghtija.'

Fis-sentenza tat-18 ta' Marzu 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco, fil-kawza fl-ismijiet **Gatt vs Montanaro** qalet:
"Illi huwa risaput u jikkostitwixxi dottrina stabbilita li l-intervenut fil-kawza jrid jaccetta l-kawza *in statu et terminis*, u ghalhekk ghandu jaccettaha fit-termini u fl-istadju li huwa jsibha fil-mument ta' l-intervent tieghu u ma jistax jerga' jiftah mill-gdid il-gbir tal-provi."

Fis-sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

"8. Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim, **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott** Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et min-naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha t'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni *piu` o meno* generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni *in statu et terminis* – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk."

***<u>3. L-appell mit-terz interessat:</u>***

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-artikolu 236 tieghu jghid:
"L-appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawza, izda wkoll minn kull min ikollu interess."

Fis-sentenza tal-21 ta' Jannar 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia

Sacco, fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Awtorita` ta’ Malta Dwar ir-Rizorsi** intqal:
“Dwar il-kuncett ta’ l-interess guridiku din il-Qorti kif presjeduta, fit-30 ta’ Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone et vs Joseph Schembri** kienet qalet:
“Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista’ jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu’ pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri fit-28 ta’ Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur u f’dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta’ l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f’dan ir-rigward jispjega li:
“L’azione compete soltanto e tutela dei diritti; l’interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d’altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` ‘injuria datum’, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.”

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta’ l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt.

(Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe.** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett

- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Inoltre l-ligi tipprovdi ghall-intervent fil-kawza taht il-Kap 12 art 960. Izda tali intervent huwa limitat ghal interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet. L-istitut ta' l-intervent fil-kawza ma jezistix hlief fid-dritt sostantiv u dana biss in segwitu ta' rikors appozitu u digriet ta' awtorizzazzjoni ghal dan. Minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent odjern kellu tali dritt."

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-8 ta' April 1899 fl-ismijiet **Brockdorff vs Pace Balzan** (Kollez Vol XVII pIII p15) fejn intqal:
*"appena e` necessario di aggiungere che l'interesse, ossia il motivo della domanda giudiziale deve essere concreto, e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta*. Proprju minn dan allura jista 'johrog l-interess li jissostanzja t-talba u l-appell b'legittimu kontradittur **(**Kollez. Vol XXXIII pI p662)."

Ukoll jinghad li fil-kawza **Fogg Insurance Agencies Ltd noe et vs Simon Tabone** deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri ippresjeduta mill-Imhallef Philip Sciberras inghad:
"Dan premess ifisser illi s-socjeta` appellanti, qua terz, trid qabel xejn tissodisfa lill-Qorti li hi ghandha dan l-interess

guridiku u attwali li tappella. Koncettwalment dan hu similment kontemplat mil-ligi taht l-Artikolu 960 tal-Kap 12 ghall-ammissjoni tat-terz bhala intervjenti billi anke hemm hu jehtieglu juri "b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partljiet ohra". Dan ifisser illi "s-socjeta` appellanti allura, biex teradika l-interess guridiku li kienet tehtieg biex tkun intitolata tappella f'kawza li fiha hi ma kenitx parti, trid necessarjament tipprova li hi kellha interess fin-negozju guridiku li ta lok ghall-azzjoni. Altrimenti, hekk japplika l-principju li tali negozju kien "*res inter alios acta*" u ma kien bl-ebda mod jinteressaha. Massima din riflessa fin-norma ta' l-Artikolu 237 tal-Kap 12 u tipprovdi li s-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min la hu nnifsu, lanqas bil-mezz ta' l-"awturi jew tar-rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza" — **"Joseph Sultana et vs L-Avukat Dottor Robert Mangion et noe** 'Appell, 29 ta' Ottubru 1999.'"

***4. Kunsiderazzjonijiet applikabbli ghall-kaz de quo:***

L-atturi jsostnu li bic-cessjoni ta' l-appell mis-socjeta` konvenuta kollox jieqaf hemm u li billi hemm l-appell ta' l-intervenuta fil-kawza, Westminster Securities Ltd, dan ma jaffettwax il-pozizzjoni ghax l-intervenut fil-kawza mhux parti fil-kawza.

Huwa veru li kif inghad fuq l-intervenut fil-kawza jidhol fiha *in statu et terminis* u mhux parti fil-kawza. Hu ghandu dritt isostni l-argumenti u l-linja tieghu izda b'dan, ghalkemm jista' jinfluwenza fuq id-*decide*, l-intervenut fil-kawza jibqa' esraneju ghaliha u l-gudizzju ma jorbotx fil-konfront tieghu, kuntrarjament ghall-kjamat in kawza. Infatti l-gurisprudenza hija kostanti li l-Qorti anqas jinkombi fuqha li tikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut u ghalhekk id-dritt ta' l-appell ta' l-intervenut bhala tali ma jezistix hlief ghal dak li jinghad dwar l-appell ta' kull terz interessat. Li hu zgur, li peress li l-intervenut mhux parti fil-kawza, isegwi li l-gudizzju huwa biss bejn il-partijiet u ghalhekk ma jistax l-intervenut jippretendi dritt specjali ta' appell minhabba li jista' jhoss li hu parti fil-kawza meta fil-fatt ma huwiex.

Jinghad pero` li l-artikolu 236 tal-Kap 12 jipprovdi ghall-appell tat-terz interessat. Din hi l-unika possibbilta` ta' appell li l-intervenut jista' jaghmel. Izda stante li l-intervenut qisu huwa terz interessat irid ikollu l-interess fuq imsemmi u spjegat ghax mhux kull interess huwa sufficjenti ghad-dritt ta' l-appell. Infatti jissottomettu l-atturi, din il-Qorti:
“f'dawn it-termini ma jistax jinghad li s-socjeta` intervenjenti ghandha interess guridiku kif definit mill-gurisprudenza u mill-awturi. Dan ghaliex ma tistax twiegeb ghad-domanda kif proposta mill-atturi u jekk is-socjeta` intervenjenti kellha xi pretensjonijiet ghall-hlas minghand il-konvenuti din setghet facilment tissalvagwardja d-drittijiet taghha billi tiftah proceduri kontrihom.”

L-intervenuta fil-kawza ma kenitx:
*“il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioe` colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell 'attore'”*

Fil-fatt jirrizulta li l-atturi talbu hlas minghand il-konvenuti mentri l-intervenuta` ma kenitx f'pozizzjoni tirrispondi ghat-talbiet attrici. Fil-fatt is-socjeta` intervenuta sostniet li hi kellha tiehu parti mill-flus mitluba minghand il-konvenuti u ghalhekk ma setghet qatt tirrispondi ghat-talbiet attrici.

Fil-kawza deciza fil-11 ta' Gunju 1948 mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fl-ismijiet **Bernard Zammit vs Emanuele Formosa et**, wara li iddefiniet li l-kelma interess ghandha tkun interpretata fis-sens li “*che l'interesse, ossia il motivo della domanda giudiziale deve essere concreto e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta* … Jekk il-konvenut dehrlu li minhabba r-relazzjonijiet tieghu ma' l-appellant kien hemm bzonn illi dan ikun parti fil-kawza, u jinsisti fuq din it-talba.”

F'dik il-kawza, ukoll, l-Ewwel Qorti kienet wahhlet lill-intervenjent l-ispejjez tieghu u, similment ghall-kawza

odjerna, stante li l-intervenjent ma giex liberat jew ikkundannat, l-appell tieghu gie dikjarat inammissibbli.

Jinghad li bhala dritt l-intervenut fil-kawza ghandu dritt ta' appell biss bhala terz interessat ghax mhux parti fil-kawza. Ukoll irid ikollu interess guridiku, pero` dan l-interess guridiku jrid ikun fit-termini fuq definiti u mhux biss interess fl-ezitu tal-kawza. Fil-kaz in ezami l-hlas kien dovut lill-atturi u s-socjeta` intervenuta kienet qed issostni li kellha tiehu parti mill-flus mitluba minghand il-konventi. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jwassalx ghad-dritt tas-socjeta` intervenuta fil-kawza li ssostni d-dritt ta' appell li f'dan l-istadju huwa appell biss ta' din is-socjeta` u ta' hadd iehor.

Bhal aregola generali l-intervenut ihallas l-ispejjez tieghu biss izda l-Qorti tista' li meta jkun hemm ragunijiet partikolari, tiddepartixxi minn din ir-regola (**Prof Cortis vs Edgar Staines**, Vol. XXIX-II-1118; u **Catania vs Cannataci**, 28 April 1893, Kollezz. XIII, p.477). Fil-kaz in ezami s-socjeta` intervenuta talbet lill-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza, izda ma semmietx formalment l-aggravju li l-ispejjez tas-socjeta` intervenuta ma kellhomx jigu sopportati minnha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti thoss li s-socjeta` intervenuta fil-kawza m'ghandhiex id-dritt li l-appell jibqa' jissussisti stante li s-socjeta` konvenuta Market Intelligence Services Company Ltd cediet l-appell taghha stante tranzazzjoni mal-atturi.

Ghalhekk l-appell tas-socjeta` intervenuta ma jistax jinstema' u l-kawza giet determinata finalment.

Minhabba n-natura tal-kaz, l-ispejjez ta' din l-istanza bla taxxa, filwaqt li tikkonferma l-ispejjez kif deciz fl-ewwel istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------